Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,858, 23 ta' Ġunju, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XX ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

ACT No. XX of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Central Bank of Malta Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

23 ta' Ġunju, 1981

ATT Nru. XX ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1981.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "konvertibbli" l-kliem "b'marġini ta' rati tal-kambju konsistenti ma' l-'Articles of Agreement of the International Monetary Fund' " għandhom jitħassru; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Fond għall-Posterità" tfisser il-fond imwaqqaf taħt l-artikolu 28A ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) jixtri jew ibiegħ muniti tad-deheb jew tal-fidda jew deheb, fidda jew metalli oħra prezzjużi f'forma ta' ingotti:

Iżda l-Bank għandu jipprova li jkollu ingotti tad-deheb ta' valur korrenti tas-suq (kalkolat fl-aħħar ta' kull xahar bil-medja tal-*London Fixing Price* matul dak ix-xahar) ta' mhux inqas mill-valur tal-biljetti ta' flus u tal-muniti maħruġa, barra

minn muniti maħruġa għal għanijiet numismatiċi; hekk iżda li f'ebda żmien ma għandu jkollu ingotti tad-deheb inqas minn 500,000 uqija troy;";

(b) minflok il-partita (i) tal-paragrafu (j) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) muniti tad-deheb jew tal-fidda jew deheb, fidda jew metalli oħra prezzjużi f'forma ta' ingotti;";

(ċ) fil-paragrafu (l) tiegħu, minflok il-kliem "fi żmien tnax-il xahar" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "fi żmien sentejn";

(d) minnufih wara l-paragrafu (m) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(mm) jixtri u jbiegħ *commodities* li jinbiegħu u jinxtraw fis-swieq internazzjonali jew ishma ta' *commodities* ikkwotati;", u

(e) fil-paragrafu (o) tiegħu, minflok il-kliem "ta' deheb u fidda;" għandhom jidħlu l-kliem "ta' deheb, fidda u metalli prezzjużi oħra, ta' *commodities* li jinbiegħu u jinxtraw fis-swieq internazzjonali u ishma ta' *commodities* ikkwotati;".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "fil-paragrafu (ħ)" għandhom jidħlu l-kliem "u fil-paragrafu (mm)"; u

(b) fil-paragrafu (i) tiegħu, il-kliem "is-subartikolu (2) ta' " għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

5. Minflok l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Riżervi esterni.

19. (1) Il-Bank għandu f'kull żmien iżomm riżerva ta' attiv estern li jikkonsisti f'deheb, fidda jew metalli prezzjużi oħra, fi flejjes esteri konvertibbli, f'*commodities* li jinbiegħu u jinxtraw fis-swieq internazzjonali jew f'ishma ta' *commodities* ikkwotati.

(2) Il-valur tar-riżerva ta' l-attiv estern għandu jkun ta' mhux inqas minn sittin fil-mija tal-valur tal-biljetti tal-flus u tal-munita tal-Bank maħruġa, barra minn muniti maħruġa għal għanijiet numismatiċi, u tad-depożiti passivi tal-Bank:

Iżda l-imsemmi perċentaġġ minimu jista' jiġi varjat mill-Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, u dik il-varjazzjoni għandha tiġi avżata kif imiss fil-Gazzetta.

(3) L-attiv miżmum skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jikkonsisti minn wieħed jew iżjed mill-attiv li ġej approvat mill-Bord:

(a) ingotti tad-deheb;

(b) fidda jew ingotti tal-metall prezzjuż ieħor;

(ċ) munita tad-deheb jew tal-fidda;

(d) flus kontanti;

(e) bilanċi f'bank;

(f) *money at call*;

(ġ) kambjalijiet;

(ħ) *bills* tat-Teżor;

(i) ċertifikati ta' depożiti negozjabbli;

(j) depożiti b'terminu ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji ta' l-ewwel klassi li jiskadu fi żmien sentejn;

(k) titoli negozjabbli ta' l-ewwel klassi li jiskadu fi żmien ħmistax-il sena;

(l) *commodities* li jinbiegħu u jinxtraw fis-suq internazzjonali jew ishma ta' *commodities* ikkwotati;

(m) kull faċilità ta' ġbid internazzjonali disponibbli malajr, li l-Bank, wara konsultazzjoni ma' l-International Monetary Fund u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jikkunsidra xierqa għall-inklużjoni f'dik ir-riżerva.

(4) It-titoli miżmuma taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (k) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu li jiskadu f'aktar minn ħames snin ma għandhomx jeċċedu l-ħamsa u għoxrin fil-mija ta' l-attiv totali msemmi f'dak is-subartikolu.

(5) Il-valur totali ta' l-attiv miżmum taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (l) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandu f'ebda każ ikun iżjed minn ħmistax fil-mija tal-valur totali tar-riżervi esterni tal-Bank.".

Żieda ta' artikolu ġdid 19A ma' l-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat ta' Investiment.

19A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat ta' Investiment (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") li għandu jkollu l-funzjoni li jifformula l-*policy* li għandu jimxi fuqha l-Bank fit-tmexxija ta' l-attiv estern miżmum taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att u li jamministra u jikkontrolla l-Fond għall-Posterità stabbilit skond l-artikolu 28A ta' dan l-Att.

(2) Il-Kumitat ikun maħtur mill-Ministru.

(3) Il-Kumitat ikun magħmul minn *Chairman* u għaxar membri oħra u jkun kompost kif ġej:

(a) tliet membri, li l-iktar wieħed anzjan minnhom ikun *Chairman*, magħżula mill-Ministru minn fost diretturi jew uffiċjali tal-Bank;

(b) membru magħżul mill-Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi fil-Ministeru responsabbli għal finanzi;

(ċ) żewġ membri magħżula mill-Ministru minn fost diretturi jew uffiċjali ta' banek, jew korpijiet imwaqqfin b'liġi jew ta' kumpanniji li fihom il-Gvern jew korporazzjoni mwaqqfa b'liġi jkollha l-ikbar interess;

(d) membru magħżul mill-Ministru minn fost membri tat-*trade union* li jkollha l-akbar numru ta' membri f'Malta;

(e) erba' membri, li jkunu Membri tal-Parlament, tnejn minnhom ikunu magħżula mill-Prim Ministru u t-tnejn l-oħra mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

(4) Il-Kumitat jista' jaġixxi minkejja li jkollu xi vakanza fost il-membri tiegħu, iżda, ikun x'ikun in-numru tal-membri, il-Kumitat ma għandux jaġixxi jekk ma jkunx hemm għall-inqas sitt membri preżenti.

(5) Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-proċedura li għandu jimxi fuqha il-Kumitat. Bla ħsara għal dak li ntqal qabel il-Kumitat jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

7. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-kontijiet tal-bank u l-imsemmi rapport, flimkien malkontijiet tal-Fond għall-Posterità li għandhom jitqiegħdu magħhom quddiem il-Kamra skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 28A ta' dan l-Att, għandhom jiġu diskussi mill-Kamra fuq mozzjoni ippreżentata mill-Ministru għal hekk kemm jista' jkun malajr li jkun ħares id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu. Għandha tittieħed mhux inqas minn seduta waħda għad-diskussjoni ta' dik il-mozzjoni.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

8. Minflok l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Kif jiġu stabbiliti u allokati profitti.

23. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-profitti netti tal-Bank ta' kull sena finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti mill-Bank wara li titħallas in-nefqa kollha korrenti għal dik is-sena u wara li jsir dak il-provvediment kif jidhirlu xieraq għal krediti inesiġibbli u dubbjużi, għal deprezzament fl-attiv, għal kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-persunal u tal-pensjoni u għar-riżervi u kontinġenzi l-oħra kollha.

(2) Il-profitti u t-telf dovuti għal xi rivalutazzjoni ta' l-attiv jew passiv nett tal-Bank f'deheb, fidda jew metall prezzjuż ieħor, *commodities*, kambju esteru jew titoli jew ishma esteri, li ssir minħabba xi aġġustament fil-valur esteru tal-lira Maltija skond l-artikolu 38 ta' dan l-Att għandhom ikunu eskluži meta jinħadmu l-profitti u t-telf annwali tal-Bank u għandhom ikunu akkreditati jew addebitati, skond il-każ, f'kont speċjali li jissejjaħ il-Kont ta' Rivalutazzjoni; u l-bilanċ f'dak il-kont għandu jsir dwaru skond kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(3) B'seħħ mis-sena 1985, u f'intervalli ta' ħames snin wara, il-Ministru għandu kemm jista' jkun malajr wara li tgħaddi dik is-sena jew dak l-intervall jagħmel proposti dwar x'għandu jsir mill-bilanċ ta' debitu jew kreditu fil-Kont fl-aħħar tas-sena ta' qabel u għandu jieħu ħsieb li dawk il-proposti jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati mhux iktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra wara t-30 ta' April tas-sena li fiha jsiru l-proposti, flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija proposti. Għandha tittieħed mhux inqas minn seduta waħda għad-diskussjoni ta' dik il-mozzjoni.

(4) Wara li jsiru dawk l-allokazzjonijiet kif imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att, dak li jifdal mill-profitti netti stabbiliti kif intqal qabel għandhom jitħallsu —

(a) dak il-perċentaġġ tiegħu, li ma jkunx inqas minn ħamsin fil-mija, kif il-Ministru jista' jiddeċiedi, lill-Fond għall-Posterità, u

(b) il-bilanċ ta' dawk il-profitti, lill-Gvern.".

Żieda ta' artikolu ġdid 28A ta' l-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Fond għall-Posterità.

28A. (1) Għandu jitwaqqaf fond, f'dan l-Att imsemmi "il-Fond għall-Posterità", li fih jiġu allokati:

(a) bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr aktar awtorità, kull somma li għandha titħallas fil-Fond taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att; u

(b) dawk l-ammonti l-oħra mill-Fond Konsolidat li minn żmien għal żmien ikunu awtorizzati b'Att ta' Approprjazzjoni.

(2) Il-Fond għall-Posterità jista' wkoll bl-approvazzjoni tal-Ministru jinfetaħ għal parteċipazzjoni minn banek, minn korporazzjonijiet imwaqqfa b'liġi, minn kumpanniji li fihom il-Gvern jew korporazzjoni mwaqqfa b'liġi jkollha l-ikbar interess u minn dik il-klassi jew dawk il-klassijiet l-oħra ta' persuni li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'ordni jispeċifika.

(3) Il-Fond għall-Posterità għandu jkun immexxi u kkontrollat mill-Kumitat ta' Investiment stabbilit skond l-artikolu 19A ta' dan l-Att u jkun amministrat għall-Kumitat mill-Bank.

(4) L-attiv tal-Fond għall-Posterità jista' jiġi investit f'Malta jew barra minn Malta kif il-Kumitat jista', bl-appprovazzjoni tal-Ministru, minn żmien għal żmien jiddeċiedi.

(5) Il-Bank għandu jżomm kontijiet separati għall-Fond. Dawn il-kontijiet għandhom jiġu verifikati minn udituri maħtura kull sena skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' dan l-Att. Il-Ministru jista' f'kull żmien jitlob lid-Direttur ta' Verifika jew lil dik il-persuna l-oħra li jista' jaħtar għal hekk, sabiex teżamina u tissottometti rapport fuq, il-kontijiet tal-Fond.

(6) Kopja tal-kontijiet annwali ċertifikati mill-udituri għandha tintbagħat lill-Ministru li għandu jieħu ħsieb li titqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati u tiġi pubblikata fil-Gazzetta flimkien mal-Kontijiet tal-Bank kif provdut fl-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(7) Il-profitti netti tal-Fond għal kull sena finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat u wara li jsir dak il-provvediment li jidhirlu xieraq għal deprezzament ta' l-attiv u għar-riżervi u fil-kontinġenzi l-oħra kollha.

(8) Il-profitti stabbiliti skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu lil dawk li jipparteċipaw fil-Fond bi proporzjon skond l-ammont tas-sehem tagħhom, is-sehem tal-Gvern ikun daqs il-ħlasijiet kollha li jsiru fil-Fond skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(9) Il-profitti riċevuti mill-Gvern skond is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu għandhom jintużaw kif ġej:

(i) terz biex jitħallsu l-ispejjeż meħtieġa għad-difiża, għat-tħaris u għall-iżvilupp ta' l-ambjent, u għal proġetti infrastrutturali;

(ii) terz bħala parti mill-kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Fond Konsolidat taħt l-Att ta' l-1956

dwar is-Sigurtà Nazzjonali, dwar is-sena li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jitħallsu l-profitti;

(iii) parti minn sitta f'investimenti vijabbli f'pajjiżi anqas żviluppati;

(iv) parti minn sitta bħala riżerva speċjali għal għajnuna lil min jintlaqat minn diżastri naturali jew ġuħ f'Malta jew barra minn Malta.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

10. Minflok l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Valur esteru tal-lira Maltija.

38. Il-valur esteru tal-lira Maltija għandu jkun stabbilit u wara jista' jiġi aġġustat jew sospiż mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bank u bil-kunsens tal-Prim Ministru, waṛa li jitqiesu l-obbligi ta' Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Articles of Agreement tal-International Monetary Fund. Avviż ta' meta tiġi stabbilita, aġġustata jew sospiża jkun pubblikat fil-Gazzetta malajr kemm jista' jkun.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "flus oħra" għandhom jidħlu l-kliem "attiv ieħor"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "mill-parità" għandhom jidħlu l-kliem "mill-valur esteru" u minflok il-kliem "mal-parità ta' " għandha tidħol il-kelma "skond"; u

(ii) il-proviso tiegħu għandu jitħassar.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 514 tat-22 ta' Ġunju, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati